



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

20.11.2012

B7-0523/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni f'Gaża
(2012/2883(RSP))

**Fiorello Provera, Bastiaan Belder, Francesco Enrico Speroni,
Rolandas Paksas, Roger Helmer, Oreste Rossi, Claudio Morganti,
Jacek Olgierd Kurski, Juozas Imbrasas, Niki Tzavela,
Nikolaos Salavrakos, Mara Bizzotto**
fisem il-Grupp EFD

RE919946MT.doc

PE493.718v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0523/2012

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni f'Gaza
(2012/2883(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Lvant Nofsani,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Novembru 2012, fejn tiddikjara t-tħassib tagħha dwar iż-żjieda fil-vjolenza fl-Iżrael u fl-Istrixxa ta' Gaza, u tiddeplora l-imwiet ta' ċivili miż-żewġ naħat, tafferma li l-"attakki missilistiċi mill-Ħamas u minn fazzjonijiet oħrajn f'Gaza li taw bidu għall-kriżi attwali, mhumiex aċċettabbli għal kwalunkwe gvern u għandhom jieqfu" u tafferma mill-ġdid "id-dritt ta' Iżrael li jiproteġi l-popolazzjoni tiegħu minn dawn it-tipi ta' attakki", filwaqt li fl-istess ħin thegġegħ lill-"Iżrael biex jiżgura li r-reazzjoni tiegħu tkun proporzjonata",
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tad-19 ta' Novembru 2012,
 - wara li kkunsidra r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949 dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Ċivili fi Żmien ta' Gwerra,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi kien hemm żjieda fil-vjolenza bejn Gaza u l-Iżrael kaġun tan-numru akbar ta' missili sparati minn Gaza lejn it-territorju Iżraeljan; billi l-vjolenza attwali wasslet għal numru ta' feruti fuq iż-żewġ naħat;
- B. billi l-isparar ta' missili minn Gaza fuq il-popolazzjoni ċivili ta' Iżrael jaffettwa 3.5 miljun ċittadin Iżraeljan (45% tal-popolazzjoni totali ta' Iżrael);
- C. billi sa mill-2006 kienu sparati aktar minn 5 000 missila minn Gaza lejn Iżrael, u ġew sparati aktar minn 1 100 missila sa mill-bidu tal-kriżi, billi għall-ewwel darba missili ta' produzzjoni Iranjana laħqu ż-żoni ta' Tel Aviv u Ġerusalem,
- D. billi l-qsam tal-fruntiera bejn Iżrael u Gaza baqa' miftuħ matul l-operazzjonijiet militari attwali biex jitħalla ċ-ċaqlieg ta' ikel, mediċini u prodotti oħrajn minn Iżrael, u billi Iżrael qed ikompli l-provvista annwali ta' 5 miljun metru kubu (1 320 860 250 gallun ilma) ta' ilma lejn Gaza, minkejja l-attakki missilistiċi fuq il-bliet u l-irħula Iżraeljani;
- E. billi l-UNRWA ma rrapportat l-ebda skarsezza ta' ikel fir-rapport tagħha dwar is-sitwazzjoni f'Gaza tad-19 ta' Novembru 2012;
- F. billi Iżrael mhuwiex qed jimblokka l-provvisti mediċi lejn Gaza u billi l-isptarijiet ta' Gaza

bħalissa qegħdin jużaw 80% tal-kapaçità tagħhom, li hi kemmxejn għola minn dik f'perjodi normali;

- G. billi Iżrael iforni 125 megawatt ta' elettriku lill-Istrixxa ta' Gaża mill-impjant elettriku ta' Ashkelon, minkejja l-attakki missilistiçi fuq il-popolazzjoni Iżraeljana u fuq Ashkelon innifsu;
 - H. billi l-istruttura militarju ta' Gaża għandha konnessjoni mal-Iran, li fornierha bi kwantitajiet enormi ta' armi, inkluż ta' missili Fajr 5 fuq distanza twila, li ħarreġ ħafna mit-terroristi u ttrasferixxa riżorsi finanzjarji sostanzjali biex jiffinanzja organizzazzjonijiet terroristiçi;
 - I. billi l-UE għadha tikkunsidra lill-Ħamas bħala organizzazzjoni terrorista, li għandha l-għan li teqred lill-Iżrael;
1. Jesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni f'Gaża u f'Iżrael, u jiddispiaçih immens għat-telf ta' ta' çivili miż-żewġ naħat;
 2. Jikkundanna kwalunkwe forma ta' vjolenza mhux ġustifikata, b'mod partikolari, l-isparar mingħajr diskriminazzjoni ta' missili mmirati b'mod esklussiv fuq il-popolazzjoni çivili, li għandu jitqies bħala reat kontra l-umanità;
 3. Jafferma mill-ġdid id-dritt ta' Iżrael li jipproteġi l-popolazzjoni tiegħu minn dawn l-attakki, filwaqt li jenfasizza li fir-reazzjoni tiegħu Iżrael għandu jaġixxi b'mod proporzjonali u għandu f'kull mument, jiżgura l-protezzjoni taç-çittadini;
 4. Jitlob li l-esklazzjoni titreggħa' lura u biex il-ġlied jingiebi fi tmiemu, jappoġġa l-isforzi tal-Eġittu u ta' atturi oħrajn għall-medjazzjoni favur il-waqfien mill-ġlied rapidu u jilqa' l-missjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-reġjun;
 5. Ifakkar li, b'mod speçjali, fi żminijiet ta' instabilità fir-reġjun, kwalunkwe tregwa nnegożjata b'mod bilaterali teħtieġ tkun dejjiema biex tkun effikaçi;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viçi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-Mibgħut tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani, lill-Knesset u lill-Gvern tal-Iżrael, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.